



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 122/23

il-Lussemburgu, 13 ta' Lulju 2023

Konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali fil-Kawża C-382/21 P | EUIPO vs The KaiKai Company Jaeger Wichmann

L-Avukata Ġenerali Ċapeta: Ftehim internazzjonali li ma jingħatax effett dirett minħabba n-natura speċifika tiegħu lanqas ma jista' jkollu effett interpretattiv

Il-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprietà Industrijali, inkwistjoni f'dan l-appell, jista' jkollha effett dirett u għaldaqstant anki effett interpretattiv peress li, fir-rigward tal-eżistenza u tat-tul tad-drittijiet ta' prijorità, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jallinja d-dritt tad-disinn tal-Unjoni ma' din il-konvenzjoni.

The KaiKai Company Jaeger Wichmann Gbr (iktar 'il quddiem "KaiKai") ressqet applikazzjoni quddiem l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem l-"EUIPO") għar-reġistrazzjoni ta' tagħmir għall-ġinnastika u għall-isport bħala disinni Komunitarji u invokat prijorità abbażi ta' applikazzjoni internazzjonali preċedenti ppreżentata skont it-Trattat ta' Kooperazzjoni dwar il-Privattivi (iktar 'il quddiem il-"PCT")¹. L-EUIPO rrifjuta l-invokazzjoni ta' prijorità. Huwa kkonstata li applikazzjoni internazzjonali skont il-PCT tista' sservi bħala bażi għal invokazzjoni ta' prijorità għal disinn Komunitarju. Madankollu, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar id-disinni Komunitarji², tali prijorità kellha tiġi invokata f'perijodu ta' sitt xhur, li KaiKai kienet eċċediet. KaiKai argumentat li l-perijodu applikabbli ta' prijorità kien ta' tnax-il xahar skont il-Konvenzjoni ta' Pariġi³, u appellat quddiem il-Qorti Ġenerali.

Fis-sentenza tagħha ta' April 2021, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-EUIPO⁴. Hija qieset li l-EUIPO kien żbalja meta applika perijodu ta' prijorità ta' sitt xhur minflok perijodu ta' prijorità ta' tnax-il xahar. Hija kkonstatat li invokazzjoni ta' prijorità għal disinn Komunitarju tista' tkun ibbażata fuq applikazzjoni internazzjonali preċedenti skont il-PCT iżda li d-dritt tal-Unjoni huwa sieket dwar il-perijodu ta' prijorità li għandu jiġi applikat. Sabiex timla dik il-lakuna leġiżlattiva, il-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Pariġi u l-perijodu assenjat minn din il-konvenzjoni għall-privattivi, li huwa perijodu ta' tnax-il xahar. L-EUIPO appella billi sostna li l-Qorti Ġenerali mliet lakuna (li ma teżistix) fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni billi tat effett dirett lill-Konvenzjoni ta' Pariġi (li hija interpretatha ħażin ukoll).

Fil-konklużjonijiet tagħha ppreżentati llum, l-Avukata Ġenerali Tamara Ċapeta l-ewwel tikkjarifika li dan il-każ iqajjem kwistjonijiet sinjifikattivi dwar l-applikabbiltà ta' ftehimiet internazzjonali quddiem il-qorti tal-Unjoni — ir-relazzjoni bejn l-effett dirett u l-effett interpretattiv ta' ftehimiet internazzjonali, kif ukoll il-limiti tad-dmir ta' interpretazzjoni

¹ Iffirmata fid-19 ta' Ġunju 1970 u emendata l-aħħar fit-3 ta' Ottubru 2001.

² Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU 2002 L3, p. 142).

³ Il-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprietà Industrijali, iffirmata fl-20 ta' Marzu 1883, irreveduta l-aħħar fl-14 ta' Lulju 1967 u emendata fit-28 ta' Settembru 1979.

⁴ Sentenza tal-14 ta' Lulju 2021, The KaiKai Company Jaeger Wichmann vs EUIPO, [T-579/19](#).

konformi. Dan jiġġustifika l-ammissjoni ta' dan il-każ permezz tal-mekkaniżmu ta' filtrazzjoni tal-appelli li permezz tiegħu il-Qorti tal-Ġustizzja tawtorizza appell jipproċedi, kompletament jew parzjalment, biss "fejn iqajjem kwistjoni li tkun sinifikanti fir-rigward tal-unità, il-konsistenza jew l-iżvilupp tal-liġi tal-Unjoni" ⁵.

L-Avukata Ġenerali tispjega li, minkejja li l-Unjoni Ewropea ma hijiex parti fil-Konvenzjoni ta' Pariġi, dik il-konvenzjoni torbot lill-Unjoni bis-saħħa tal-Ftehim TRIPS. Effetti li din il-konvenzjoni jista' jkollha fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni huma, għaldaqstant, l-istess bħall-effetti mogħtija lill-ftehimiet tal-WTO. Meta l-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tistabbilixxi li l-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq jallinja l-leġiżlazzjoni tagħha ma' impenn tal-WTO partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-effett dirett lill-ftehimiet tal-WTO. Bil-kontra, jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' ried li jadotta soluzzjoni tal-Unjoni speċifika, il-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat li twettaq sħarriġ ġudizzjarju billi teskludi l-effett dirett tal-ftehimiet tal-WTO. L-Avukata Ġenerali tissuġġerixxi li, f'sitwazzjonijiet fejn l-effett dirett ta' ftehim internazzjonali huwa eskluż minħabba n-natura tiegħu, sabiex tiġi ssalvagwardjata l-marġni ta' manuvra politika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-istess raġunijiet jitlobu l-esklużjoni tal-effett interpretattiv ta' dak il-ftehim.

Għaldaqstant, jekk il-Konvenzjoni ta' Pariġi ma tingħatax effett dirett, hija lanqas ma għandu jkollha effett interpretattiv. Madankollu, skont l-Avukata Ġenerali, il-Konvenzjoni ta' Pariġi jista' jkollha effett dirett u għaldaqstant anki effett interpretattiv fil-każ preżenti. Fl-fehma tagħha, permezz tal-Artikolu 41(1) tar-Regolament Nru 6/2002, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jallinja l-liġi tad-disinni Komunitarji mal-Konvenzjoni ta' Pariġi fir-rigward tal-eżistenza u tat-tul tad-drittijiet ta' prijorità. Il-Qorti Ġenerali ma interpretatx il-liġi tal-Unjoni *contra legem* billi sabet lakuna fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti, u lanqas ma żbaljat billi ppruvat timla dik il-lakuna b'analoġija għall-Konvenzjoni ta' Pariġi. Madankollu, skont l-Avukata Ġenerali Ċapeta, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat dik il-konvenzjoni, inkwantu kkonstatat li perijodu ta' prijorità ta' tnax-il xahar japplika meta applikazzjoni għal disinn Komunitarju tkun ibbażata fuq applikazzjoni għal privattiva preċedenti.

L-Avukata Ġenerali tipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tinterpreta l-Konvenzjoni ta' Pariġi bħala li tippermetti li applikazzjoni għal disinn sussegwenti (inkluż disinn Komunitarju) tkun ibbażata fuq applikazzjoni għal privattiva preċedenti, sakemm is-suġġett taż-żewġ applikazzjonijiet ikun sostantivament l-istess. L-Avukata Ġenerali tqis li t-tul tal-perijodu ta' prijorità f'tali każ huwa ta' sitt xhur, kif attribwit lid-disinni industrijali mill-Konvenzjoni ta' Pariġi. . Għaldaqstant, l-Avukata Ġenerali tikkonkludi li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li t-tul tal-perijodu ta' prijorità jiddependi min-natura tal-ewwel applikazzjoni, minflok dik sussegwenti.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett suspensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

⁵ Ara l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 53/19](#).

Ibqgħu konnessi!

